# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 143/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Kevin J. Farrugia)

vs

**Donald Pisani**

iben Emanuel, imwieled Pieta', fit-23 ta' Ottubru, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 527771(M)

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant Donald Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gżejjer Maltin nhar id-9 ta' Ottubru, 2009 ġewwa Scan, ta' Triq Geranimo Abos, Iklin u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkometta serq ta' propjeta', mobile phone IPAQ HP għad-dannu ta' Renald Bugeja li għandu numru tal-karta tal-identita' 0117078 (M), liema serq hu aggravat bil-valur ta' aktar minn

mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin  ċenteżmu (€2,329.37).

2. Xjentement, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe' mobile phone IPAQ HP.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 267 u 279(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Donald Pisani hati tal-ewwel akkuza biss stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghal tal-ewwel u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatu hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Donald Pisani pprezentat fit-3 ta' April, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fl-ismijiet premessi, mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu sabitu ħati tal-ewwel akkuża biss stante li t-tieni akkuża hija alternattiva għal tal-ewwel, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena minnhom.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq deċiżjoni oħra mogħtija nhar it-8 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anna Dalli', fejn skont l-ewwel qorti, il-fattispeci huma identiċi.

Illi jirriżulta, iswed fuq l-abjad, illi għalkemm, jeżisti xebħ, minħabba ċertu fatti, bħal ma huwa l-fatt illi l-oġġett instab fi stabbiliment, u l-fatt ukoll illi dan kollu ġie reġistrat fuq CCTV kamera, mhux l-istess jista' jingħad, għal fejn tidħol l-intenzjoni speċifika ta' l-imputat, u cioe' l-mens rea. Illi l-intenzjoni ta' l-imputat għandha tirriżulta mill-komportament ta' l-imputat, illi fil-każ

ikkwotat jirriżulta biċ-ċar illi l-imputata kellha l-intenzjoni speċifika li tagħmel qliegħ, jew akkwist, fil-waqt li fil-każ odjern dan ma jirriżultax, u dan kif ser jiġi spjegat.

Illi, l-imputata, fil-każ ikkwotat, fl-ewwel lok, irriżulta, illi l-imputata poġġiet xi karta li kellha f'idejha flimkien ma' oġġetti oħra li kellha u ħbiet il-portafoll taħthom. Dan juri biċ-ċar illi l-imputata kellha l-ħsieb illi tagħmel xi ħaġa li kienet taf li mhix korretta, jew addirittura ppruvat taljena lill-sid l-oġġett mill-oġġett innifsu, u ġġiegħlu jinsieh warajh. Fil-każ odjern l-esponenti ma għamel xejn minn dan, iżda sempliċiment sab il-mobile fuq il-bank, u fil-mument għamel ħiltu kollha sabiex jilħaq lil sidu iżda ma' laħqux. Fil-każ ikkwotat, l-imputata rritornat l-istess portafoll lill-vittma, iżda neħħietlu minnu l-flus. Fil-każ odjern l-esponenti tefa' l-mobile għaliex it-tifla tiegħu riedet tilgħab bih, u mal-ewwel iddeċieda li jieħu l-mobile l-għassa tal-Qawra, u li dan ma għamlux mal-ewwel, għax fil-mument ma setax.

Illi il-Qorti, fis-sentenza tagħha ttenni, illi l-esponenti kien messu mill-bidu jgħid lill-impjegati tal-iScan dak li sab, u li sussegwentement kellu wkoll okkażjoni li jirrispondi l-kjamati magħmulin lill-mobile phone, hekk meħud. Illi hawnhekk għandu jingħad illi, l-obbligu li tpoġġi l-liġi fuq xi ħadd li jkun sab xi oġġett huwa illi fi żmien tlitt ijiem jgħarraf lill-Pulizija Esekuttiva u lil ħadd iktar. Illi kull minn jonqos jagħmel dan fit-terminu impost, huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-propjeta ai termini ta' l-artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għandu jingħad, għal grazzja ta' l-argument illi, sal-mument li l-mobile phone, ġie ritornat lill-Pulizija, lanqas taħt dan l-artikolu ma' kellu jinstab ħati l-esponenti, li kieku ġie akkużat bih, aħseb u ara b'serq, u dan stante li ma kienux għaddew aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa minn meta l-esponenti, sab l-imsemmi mobile phone. Illi dwar in-nuqqas li jwieġeb għat-telefonati li saru, l-esponenti jgħid illi tfih għaliex it-tifla tiegħu riedet tilgħab bih, u wara meta reġa' xiegħlu u beda jdoqq kien bla battery u għalhekk reġa tfih.

Illi, għalhekk, jirriżulta biċ-ċar, illi l-iskop tal-lukru ma' kienx jeżisti fl-intenzjoni tal-imputat, u dan peress illi il-komportament ta' l-imputat kien wieħed ċar daqs il-kristall, u cioe' li jmur iffittex mal-ewwel lis-sid, u meta ma sabux iddeċieda li jmur jieħdu l-għassa tal-Qawra, iżda ġara li ċ-ċirkostanzi ma' ppermettewlux li jieħdu mal-ewwel, u sadanittant il-pulizija nformawh illi seta' jirritornah l-għassa ta' Birkirkara, kif fil-fatt għamel.

Huwa minnu, illi l-*animus lucrandi* xorta jissusisti, anke meta l-imputat jirritorna lura l-oġġett, imma dan purche', l-*animus lucrandi* jkun jeżisti fil-mument tat-teħid. Fil-każ odjern ma jirriżultax, anzi jirriżulta bil-kontra, u allura fl-umli opinjoni ta' l-esponenti, l-imputat seta' biss, jesponi ruħu għall-akkużi jew eventwali ħtija taħt l-artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li kieku dam aktar minn tlett (3) ijiem, biex javża lill-Pulizija dwar il-mobile li kien sab.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Renald Bugeja ghamel rapport lill-pulizija ghal habta tal-5.05 p.m. u l-incident meritu ta' dan ir-rapport gara fl-4.30 p.m.

Illi jirrizulta li kien l-appellant li ha t-telefon cellulari ta' Renald Bugeja meta sabu fuq il-cash counter ta' l-istabilimnet 'SCAN'. L-appellant xehed li hu nduna li dan it-telefon ma kienx tieghu. Il-buon sens kien ighid li ghandek tinforma l-kaxxiera li hemm dan it-telefon u thalli f'idejha. Il-logika tghidlek li aktarx li sidu jigi ghalih. Fil-fatt hekk ghamel Renald Bugeja ghaliex rega dahal fil-hanut u staqsa ghat-telefon. L-appellant min-naha tieghu xehed li hadu u l-intenzjoni tieghu kienet li jrodd lura t-telefon lil Renald Bugeja, hekk kif johrog mill-hanut. Skontu meta hareg ma ra lil had u ghalhekk iddecida li jzomm dan it-telefon. Dan it-telefon daqq meta kien fil-pussess tal-appellant izda ma wegbux ghaliex skont hu kellu l-batterija baxxa. Kieku kellu ntenzjoni genwina l-appellant kien jerga jidhol il-hanut, jistaqsi jekk xi hadd jaf lis-sid tat-telefon u jhalli t-telefon hekk.

Illi skont l-appellant l-ghada ried jiehu t-telefon l-ghassa tal-Qawra qabel ma jmur ghax-xoghol izda dan ma ghamlux. Kien biss wara li cempillu s-surgent mill-ghassa ta' Birkirkara li hu mar jrod lura t-telefon.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-provi migjuba quddiemha. Din il-Qorti hi ta' l-istess fehma u il-fatt li mar l-ghassa biss wara li rcieva telefonata mill-ghassa ta' Birkirkara jindika car li l-intenzjoni tieghu kienet li jzomm tali telefon.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Donald Pisani u tikkonferma s-sentenza appellata.